# San Ġużepp barra minn xtutna

Kav. Dr Omar Seguna



**Devozzjoni lejn San Ġuzepp fil-Knisja ta' ta' San Ġużepp tat-Teatini f'Palermo**

Waħda mid-drawwiet tiegħi meta nsiefer hija li nifittex l-istatwa ta' San Ġużepp f'kull knisja li nidħol. Bħala Missier tal-Knisja, Patrijarka u fuq kollox il-Missier putattiv ta' Sidna Ġesù Kristu, tista' tgħid li lil San Ġużepp se nsibuh f'kull knisja. Biss xi wħud għandhom rabta aktar mill-qrib għaliex jew permezz ta' xi fratellanza jew għax għal xi raġuni dik il-knisja tkun dedikata lil San Ġużepp. Billi naf li ħafna Maltin imorru Sqallija, minħabba l-qrubija tagħna mhux biss fiżika imma anke għax nidentifikaw ħafna ma' dawn il-ġirien tagħna, xtaqt naqsam magħkom ftit tagħrif dwar il-Knisja ta' San Ġużepp tat-Teatini f'Palermo u l-importanza arkitettonika u d-devozzjoni qawwija lejn San Ġużepp f'dan is-sit storiku.

> *"Il-qofol ta' din il-Knisja iżda, hija d-devozzjoni lejn San Ġużepp."*

Fuq kollox ninnotaw anke xebh mal-Parroċċa tagħna fil-Kalkara. Qabel xejn iżda xtaqt nibda billi ngħid li l-Knisja ta' San Ġużepp tat-Teatini tinsab fiċ-ċentru storiku ta' Palermo, preċiżament fejn jinstabu l-erba' kantunieri famużi magħrufa bħala l-*Quattro Canti*. Din il-Knisja, santwarju ħaj ta' fidi u devozzjoni lejn il-Patrijarka San Ġużepp, bdiet tinbena fl-1612 fuq proġett tal-perit Ġenoviż Giacomo Besio, membru tal-Ordni tat-Teatini.



Hekk kif wieħed jidħol fil-Knisja jibqa' mbellah mhux biss bil-kobor tagħha, għaliex fil-fatt hija waħda mill-ikbar f'Palermo, imma wkoll bl-irħam, indu-ratura u arti. Mibnija fuq pjanta ta' salib Latin bi tliet navi, isseparati minn kolonni kbar tal-irħam, ħafna drabi wieħed jidħol f'esperjenza spiritwali wkoll permezz tal-ħoss tal-Orgni. Il-koppla mill-isbaħ hija





miksija bil-madum u tiddomina l-belt ta' Palermo. Ix-xogħol tal-arti f'din il-knisja huwa ta' artisti kbar bħal Guglielmo Borremans u Filippo Tancredi, u kif kienet id-drawwa dak iż-żmien ppruvaw iwasslu l-fidi permezz tal-pittura u xogħlijiet oħra. Fost l-opri tal-arti nsibu l-kurċifiss ta' Fra Umile da Petralia, propju fil-kappella tal-Kurċifiss.



Il-qofol ta' din il-Knisja iżda, hija d-devozzjoni lejn San Ġużepp. Ovvjament id-devoti se jfittxu u jitolbu l-interċessjoni ta' San Ġuzepp li hawn rappreżentat permezz ta' statwa tal-injam prezzjuża.

Iżda devozzjoni ħelwa oħra nsibuha fil-kripta, li hija dedikata lill-Madonna tal-Providenza. Jingħad li f'din il-kripta deher San Ġużepp stess f'sura ta' raġel xiħ biex jgħin lil patri tat-Teatini. Ovvjament kull leġġenda, waqt li mhijex essenzjali fil-fidi, tissawwar mill-fidi tan-nies.

San Ġuzepp, protettur tal-ħaddiema u tal-familji, dejjem kellu d-devozzjoni tal-

familji bħalma għandu fil-Kalkara għal ħafna familji, speċjalment ħaddiema tal-id, baħħara u dawk li għandhom għal qalbhom il-baħar u ħaddiema oħra.



Għalkemm il-knisja tat-Teatini mhix mal-baħar, hija f'punt strateġiku fejn il-baħrin u n-negozjanti kienu jgħaddu biex jidħlu fil-belt. F'San Ġuepp sabu dan il-faraġ.

San Ġużepp kien ta' faraġ ukoll fl-aktar mumenti diffiċli. Kif ħafna jafu fl-10 ta' April 1942, il-knisja parrokkjali tal-Kalkara nqerdet għal kollox mill-bombi tal-Gwerra. Il-komunità wriet fidi kbira u bniet knisja ġdida u majestuża li tiddomina l-port sal-lum.

Fil-fatt bħalma semmejt li San Ġuzepp tat-Teatini hija waħda mill-ikbar f'Palermo, hekk ukoll dik tal-Kalkara, hija waħda mil-akbar f'Malta. Imma fl-1943, din il-knisja ta' Palermo ukoll sofriet ħsarat kbar mill-bombi li waqgħu fil-gwerra. Il-koppla u ħafna mix-xogħlijiet tal-arti kellhom jiġu rrestawrati b'sengħa u ħila kbira. F'dawn il-waqtiet diffiċli, qabel u wara l-gwerra d-devoti ħarsu lejn San Ġuzepp, qaddis ta' kuraġġ, li ħarab lejn l-Eġittu u mbagħad sab kenn f'Nazaret.

L-aħjar li wieħed iżur u jgawdi l-festa ta' San Ġuzepp fil-Knisja tat-Teatini huwa fid-19 ta' Marzu. Żgur li d-devoti Ġużeppini se jitgħaxxqu u se jkunu fl-hena tagħhom. Aħna fil-Kalkara, bħal ħafna rħula oħra f'Malta, niċċelebraw il-festa wkoll fis-sajf.

Il-festa tagħna, għalkemm mhux l-ikbar waħda f'Malta, fiha l-elementi kollha li jsawru l-Festa Maltija, li issa ġiet konfermata bħala patrimonju uniku dinji. Fost dawn insibu ż-żewġ antifoni sbieħ, l-innu tal-Knisja kif ukoll dak popolari, innijiet oħra, iż-żewġ soċjetajiet mużikali li fuq kollox għandhom il-baned imma wkoll jieħdu ħsieb l-armar sabiħ.

Għaldaqstant, anke jekk m'hemmx rabta diretta bejn iż-żewġ knejjes imma żgur li San Ġużepp jgħaqqad lid-devoti kollha, bħalma jgħaqqad lill-komunitajiet. Xtaqt, għalhekk, permezz ta' dan l-artiklu mhux biss noħloq għarfien dwar devozzjoni oħra lejn San Ġużepp barra minn xtutna, imma fuq kollox nidentifikaw magħhom għax aħna għandna nkunu kburin b'dak li għandna, bil-wirt, tradizzjoni, devozzjoni u fuq kollox bil-fidi u l-imħabba lejn il-Patrijarka San Ġużepp.